Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Paula Ciantar]

vs

Aeham Suleiman

Kumpilazzjoni Numru: 329/2018

Illum, tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar, 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Aeham Suleiman** detentur tal-karta tal-identità 9001441A:

1. **Akkuzat talli f'xi zmien bejn Awwissu 2017 u Dicembru 2017, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk**

fi zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta' u cioe' -Omissis-;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'eghmil zieni, ikkorrompa persuna ta' taht l-eta', bi hsara ta' -Omissis-;

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija minuri -Omissis-, u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' -Omissis- ai termini tal-Artikolu 383 et. Seq. tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju, 2018 fejn fiha ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat il-kwerela ta' omm il-minuri -Omissis- u cioè -Omissis- datata tletin (30) ta' Settembru elfejn u sbatax (2017) fejn din talbet li jittiehdu passi kriminali kontra l-imputat Aeham Suleiman (Dok PC7) a folio tlieta u ghoxrin (23) tal-process.

IKKUNSIDRAT

Illi semghet ix-xhieda ta' omm il-minuri u cioè -Omissis- fejn ikkonfermat il-kwerela taghha u ddikjarat illi hija attirat l-attenzjoni tal-pulizija stante li bintha -Omissis- kienet ilha nieqsa mid-dar u kellha informazzjoni li hija kienet tinsab ma' guvni ta' nazzjonalità Gharbija u li kien qed ikollha x'taqsam sesswalment mieghu. Hija gharfet lill-imputat fl-awla bhala dik il-persuna. Illi inkontroezami u fuq domanda tal-avukat difensur jekk xtaqitx li l-proceduri kriminali jitkomplew, ix-xhud wiegbet li xtaqet tahfer lill-imputat u l-proceduri jieqfu.

Semghet ix-xhieda tal-minuri -Omissis- permezz tas-sistema awdjo-viziva fejn ikkonfermat li kellha relazzjoni mal-imputat meta hija kellha xi tlettax (13)-il sena u din ir-relazzjoni damet ghal madwar erba' (4) xhur. Hija kkonfermat li meta kienet nieqsa hija kienet mal-imputat u ma' xi shabu u kienet raqdet barra. Hija kkonfermat ukoll illi kellha x'taqsam sesswalment mal-imputat u din ghamlitha bir-rieda taghha u mhux ghax giet sfurzata u din ghamlitha aktar minn darba. Tghid illi din ir-relazzjoni ntemmet ghaliex ma baqghux flimkien.

Rat l-estratt tat-twelid tal-minuri -Omissis- ipprezentat bil-gurament mill-**Ispettur Paula Ciantar** fejn jigi dikjarat illi l-minuri twieldet fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002).

## IKKUNSIDRAT

Illi l-imputat Aeham Suleiman qed jigi akkuzat fit-tieni (2) akkuza taht l-Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellem fuq korruzzjoni ta' minorenni li jghid is-segwenti:

"*(1) Kull min, b'ghemil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn erbgha sa tmien snin.*

*3) Ghad-delitt taht dan l-artikolu ma jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza:*

*Izda meta l-parti offiza tirtira l-kwerela, il-Qorti tista' tiddeciedi u tordna l-kontinwazzjoni tal-procedimenti kontra l-allegat awtur, wara li tikkonsidra b'mod partikolari l-ahjar interessi tal-kwerelant, kull persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena involuta, u kull terzi persuni relevanti ohra, u ghandha tivverbalizza dik ir-rikjesta u decizjoni biex jigu registrati fl-atti tal-kawza."*

Illi hareg car mix-xhieda ta' omm il-minuri -Omissis-, illi din hafret lill-imputat u li riedet twaqqaf il-proceduri fil-konfront tieghu. Illi l-Qorti kif diversament presjeduta dak iz-zmien ma kinitx tat l-ebda direttiva taht is-sub-inciz (3) ta' dan l-Artikolu. Illi ghaldaqshekk din il-Qorti kif presjeduta ser tapplika din id-direttiva u wara li rat ix-xhieda ta' -Omissis- li kienet cara li riedet tahfer u twaqqa' l-proceduri, u wara li kkunsidrat illi l-minuri llum

il-gurnata hija maggjorenni, tqis li m'ghandhiex taghti decizjoni fuq it-tieni (2) akkuza u taccetta tali rinunzja.

Izda l-istess ma jistax jinghad ghall-ewwel (1) akkuza dik a bazi tal-Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li bl-ebda mod ma jistax jigi rtirat mill-parte civile. Dan l-Artikolu jistipula is-segwenti:

> *"Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax-il sena jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn hames snin sa ghaxar snin".*

Imbaghad is-subinciz (3) tal-istess Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

> *"Meta l-għemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' żvilupp u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuz fiziku u, jew psikoloġiku, il-piena għandha titnaqqas bi grad jew żewġ gradi."*

Illi f'dan il-kaz m'hemmx dubju li l-att sesswali bejn l-imputat Aehaem Suleiman u l-minuri -Omissis- kien wiehed kunsenswali u minghajr abbuz fiziku jew psikologiku. Illi hareg car illi l-minuri -

Omissis- kienet konsapevoli ta' dan l-att sesswali tant illi hija stess tixhed illi hija stess iddecidiet li tahrab mid-dar sabiex tmur mal-imputat.

Illi jidher mill-akkuza u mic-certifikati tat-twelid esebiti fl-atti tal-istess imputat u tal-minuri -Omissis- illi dak iz-zmien tar-reat l-imputat kellu sittax (16)-il sena u l-minuri kellha hmistax (15)-il sena. Illi ghalhekk bejn l-imputat u -Omissis- kien hemm differenza ta' sena' (1) biss. Illi ghalhekk din il-Qorti ma kellhiex ghalfejn tistharreg il-livell ta' zvilupp ta' bejniethom stante illi ma kienx hemm differenza bejn l-età taghhom. Illi di piu' mill-atti ma hareg xejn li jindika li l-minuri kellha xi mankanza mentali jew psikologika li timpedilha li jkollha zvilupp normali.

Illi gialdarba z-zewg partijiet involuti f'dawn l-atti kkonfermaw li sar l-att sesswali bil-kunsens u stante li din il-Qorti hi sodisfatta illi s-subinciz (3) tal-Artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu japplika f'dan il-kaz din il-Qorti ser tapplikah meta tkun qed tinfliggi l-piena li mhix ser tkun wahda karcerarja stante c-cirkostanzi tal-kaz. Illi ulterjorment meta gie kommess ir-reat inkwistjoni l-imputat kien ghadu hu stess minorenni u ghalhekk ghandu jibbenifika ghall-mitigazzjoni li taghti l-ligi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 31, 204C (1) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Aeham Suleiman** hati biss tal-ewwel (1) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) snin mil-lum filwaqt li ghat-tieni (2) akkuza tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha stante rinunzja.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**